Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 6**
**Tnejn 14 ta'Ottubru 2019**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida, fil-5:30pm .

## PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai : Sindku
Romina Galea : Vici Sindku
Jean Claude Borg : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Emanuel Brincat : Kunsillier
Charles Selvaggi : Kunsillier
Alfred Farrugia : Kunsillier
Maurice Agius : Kunsillier

## ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

## ASSENTI

Judy Sciberras : Kunsillier

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella : Segretarju Ezekuttiv

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**6.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;**

06.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li ma kellux ittri ta'apoloġija

**6.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

06.2.01 Kif miftiehem waqt tmiem is-seduta L8-05 Il-Minuti ta' Seduta mhux se jiġu preżentati għall din is-seduta.

**6.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

06.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet korrispondenza mill MFCS-Parl Sec fuq il-mejda u tgħat dettalji dwar is-sejħa għall parteċipazzjoni fil-kompetizzjoni ta'tisjir bl-isem ta'Nanna ħelu mana

06.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda stedina għall kunsilliera mir-Regjun Ċentru għall-avveniment sportiv nhar il-Ġimgħa 18 ta'Ottubru 2019 u li se ssir fiċ-Ċentru attività fiżika il-Ħamrun min studenti bejn it-8 sa 11 il-sena.

06.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il mejda kopja tal-gazzetta tal-gvern fejn juri il-popolazzjoni stmata għall lokalita tal-Imsida hija 13,713.

**6.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

06.4.01 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem fuq il-laqgħa dwar (5.4.05) konfuzjoni fit-traffiku go triq it-Torri , L. Zamenhof u ta' Xmiexi li sar u jidher li l-affarijiet sal-mument marru għall aħjar u staqsa jekk kienx hemm verifika fuq ir-reserved parking msemmi waqt din il-laqgħa.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan ma jidhirx fuq il-lista mibgħuta biss ikun prudenti li ssir verifika oħra ma l-awtorità biex ikun aċċertat sew.

06.4.02 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa fuq il-ħinijiet ta' loading /Unloading go Triq San Franġisk.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li rrid jara mal-lista biss dawn ġeneralment ikunu unrestricted parking wara il-ħin normali tal-għeluq wara 7:00 pm

06.4.03 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa fuq il-Lukanda ta'10 sulari msemmija riċenti fuq il-medja.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li wara li verifikat il-kunsill ma kienx irċieva notifika fuq din l-applikazzjoni min naħa l-oħra għall bosta snin ġa kien hemm bini għoli ma ġenb din il-binja.L-unika problema li qed tara hija il-parkeġġ li min naħa l-oħra xorta huwa kapparat min ħafna karozzi tal-kiri li skond l-awtoritajiet dawn mhux qed jiksru regolamenti.

**6.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

06.5.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda talba mill- kulleġġ St Martins biex ssir pedestrian crossing ħdejn il-Kulleġġ.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu li ssir laqgħa fuq il-post

06.5.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda talba min ħanut biex ikun jista' jqiegħed gaġġa għall-kartun fuq il-bankina fi-Triq Princess Margaret.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw bil-Kundizzjoni li din tkun marbuta sew mal-ħajt biex ma tkunx ta'periklu u meta jagħlaq il-ħanut din tidhol ġewwa.

06.5.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda talba mil-Malta Public Transport biex jkunu jistgħu jistallaw electric bike stand viċin il-Junior College.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew proposta biex dawn ssiru f'Triq Oscar Zammit k/m Triq Misraħ il-Barrieri fejn qablu unanimament li dawn ssiru hemm.

06.5.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li ġiet talba għall aktar parkeġġ min kumpanija li topera servizz ghall kiri ta' karozzi tal-elettriku fejn spjegat l-oġġezzjoni tagħha minħabba il-problema li ġa teżisti ta'parkeġġ li dejjem qed tikber go lokalita.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament mal-oġġezzjoni ta'Sindku.

06.5.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda talba min kumpanija biex jispicca parkeġġ min faċċata ta'garaxx li għanda go triq Makna tas-Serrar.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew fejn ġie kunsidrat li ġa kien hemm talba preċedenti u din ma ġietx approvata għalhekk il-kunsill konferma unanimament dik id-deċiżjoni.

06.5.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda rapport u stimi (msemmija 5.4.11) għall xogħol biex jiġu msewwija il-funtani.
Is-Sur Emanuel Brincat spjega li ra dawn l-stimi għall 9,110 euro għoljin u ma jgħidux f'hiex huma l-spejjez u hemm bżonn ta' aktar dettalji filwaqt li is-Segretarju Eżekuttiv se jikteb għall dawn u se jintalbu aktar stimi min aġenti oħra.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew l-spejjez u jekk jistgħux ssiru mil-ħaddiema assenjati mal-kunsill u qablu biex jinġabu aktar stimi dettaljati.

06.5.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda stimi min għand l-aġent għall 4,640 euro biex jissewwew il-fanali tal-pjazza jew jinqalbu min solari għall dawl normali mingħajr ix-xogħol ta'trinek u kiri tal-lifter u materjal ieħor fejn spjegat li din qed tara għolja ħafna u ma tafx jew mhix konvinta li se jkun hemm dawl fil-pjazza .
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew il-possibilità biex dawn jiġu żarmati min hemm u stivati fejn qablu biex jinġabu stimi oħra għall arbli ta'dawl adattati għall pjazza u jaħdmu bl-elettriku normali.

06.5.08 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda il-ftehim għall sena tal' fire surveyor għall 250 euro biex jiġġedded.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

06.5.09 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tat-rendikont tal-attività Breakfast on the Bridge organizzata bejn UNHCR , Appoġġ u il-Kunsill l-Imsida fejn spjegat li din intlaqgħet tajjeb ħafna u pproponiet li l-kunsill għandu jieħu sehem aktar attiv f'inizjattivi bħal dawn.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

06.5.10 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda kopja tal-verżjoni bl-Ingliż tal-proposta għall Bye law dwar xorb alkoħoliku fejn spjegat li meta tkun lesta il-verżjoni bil-Malti se tintalab laqgħa mal-Assistent Kumissarju fejn jattendu għalija wkoll l-avukati tal-kunsill qabel li din tintbagħat lill-Ministru għall approvazzjoni.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

06.5.11 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai spjegat laqgħa li kellha ma awtur flimkien mal-kunsillier responsabbli għall kultura is-Sur Jean Claude Borg dwar il-pubblikazzjoni ta'ktieb fuq it-tifsira ta'toroq go l-Imsida fl-stess ħin għarrfet lill-kunsilliera preżenti li bil-fondi tal-LESA għall kultura ( 5.4.01) jistgħu ssiru it-tabelli edukattivi għall l-skart fejn poġġiet fuq il-mejda 3 disinji li jinkludi il-karattru ta'Misidu.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu li jintgħażel it-tieni disinn filwaqt li is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk jistax jiġu inklużi il-multi
Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kollox jista' jiġi inkluż biss jiddependi mil-qis ta'tabella għax ħafna kliem ikun żgħir , biss se jara x jista' jidħol dwar infurzar.

06.5.12 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda stima għall 535 euro biex parti min apparat tal-bandli Swatar tiżżarma u jingħalqu partijiet minnha biex jiġi evitat periklu
Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dan l-apparat kollu wasal biex jinbidel u se jipprepara tender apposta iżda sakemm dan jinbidel għandu jiġi mwarrab kull periklu.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament.

06.5.13 Is-Sur Emanuel Brincat għarraf lill-kunsilliera preżenti li attenda għall laqgħa msejjħa min uffiċjali tal-IM fejn qed jipproponu traffic management ġdid fl-inħawi ta'Msida Circus u Skate Park u poġġa fuq il-mejda il-pjan propost fejn spjega li din qed tindika bidla fid-direzzjoni ta'ċertu toroq u ma jkunx hemm aċċess lejn Skate Park min triq il-Punent barra min dan hemm pjanat wkoll li tingħalaq it-triq li min Skate Park twassal għall Triq it-Torri , fejn dan mhux qed jaqbel miegħu.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u ġie deċiż li tintalab laqgħa ma IM għax fil-pjan propost hemm numru ta' affarijiet li mhux ċari .

06.5.14 Is-Sur Emanuel Brincat għarraf lill kunsilliera preżenti li l-PA ddiskutew l-alignment ta'Triq ma l-żviluppaturi responsabbli mil-binja faċċata tal-Museum tas-subien go Triq Xatt l-Imsida fejn qed ikun hemm propost żewġt pedestrian crossing f'tul qasir ta' 10 metri direzzjoni lejn triq Clarence fejn kif iddur hemm pedestrian crossing ieħor. li jista' jikkawża problemi ta'traffiku.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għalkemm il-PA pproponiet din trid tkun awtorizzata min TM li hija l-awtorità responsabbli.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u ġie deċiż li l-kunsill jibgħat oġġezzjoni u raġuni lill Awtorità fuq il-pjan propost.

06.5.15 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar djar u ħwienet li għandhom id-drain tal-ilma jiftaħ dirett fuq il-bankina u ssuġġerixxa biex il-kunsill jikteb lill dawn is-sidien biex jirranġaw dan ħalli jmur taħt il-bankina.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ġa bagħat korrispondenza simili riċenti u il-kunsill jista' jagħmel l-stess ma dawn.

06.5.16 Is-Sur Jean Claude Borg qal li hemm bżonn ssir dawl ġdid go Triq F.S.Caruana c/m D'Argen.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li hemm bżonn li l-Kunsill jiċċekkja fejn tista' teħel bozza u nitolbu permess lis-sid biex teħel mal-faċċata.

06.5.17 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li id-dipartiment ilu jitlob lill-kunsill biex jaħtar deputat Segretarju Eżekuttiv biex ikun jista' jieħu ħsieb jaġixxi meta is-Segretarju Eżekuttiv għall raġuni valida ma jkunx jista' jagħmel dan. Wara li tkellem ma waħda mill-impjegati is-Segretarju Eżekuttiv qed jagħmel rakkomandazzjoni biex l-impjegata bl-għola grad fil-kunsill tkun nominata u approvata mill kunsill skond il-kriterji tal-liġi.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw li Senior Principle is-Sinjura Rachel Aquilina tkun rakkomandata mill kunsill biex tiġi approvata mil-Ministru bħala deputat Segretarju Eżekuttiv.

**6.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat**

6.6.01 Ma kienx hemm rapporti.

**6.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

6.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda, l-iskeda K8-06 ta' ħlasijiet bejn ls-26 ta'Settembru u l-14 ta'Ottubru għall-approvazzjoni tal-Membri.
L-iskeda ġiet proposta, mis-Sur Nicholas Joseph Chircop , u s-sekondat mis-Sur Jean Claude Borg .
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament

**6.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

6.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-7:15 ta' filgħaxija, u data għas-seduta li jmiss se tkun it-Tnejn 11 ta' Novembru fis-6:00pm

Minuti konfermati, illum 11 ta' Novembru 2019

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |